MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1334/1996/1

Kawza fil-lista: 27

**Carmel sive Charles u Veronica konjugi Attard**
**Vs**
**Anthony Sammut, u b' digriet tat-3 ta' April 1998 giet kjamata fil-kawza martu Rose Sammut, u b' digriet tal-4 ta' Novembru 1997 gew kjamati fil-kawza Michael Bajada u Stuart Thompson, u b' digriet tas-17 ta' Marzu 1999 gew nominati bhala kuraturi Dottor Joseph Bonello u l-Prokuratur Legali Paul Saliba biex jirrapprezentaw lill-assenti Stuart Thompson**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fl-4 ta' April 1995, l-istanti xtara minghand il-konvenut karozza Mercedes Mudell 240D numru ta' registrazzjoni I-3182 versu l-prezz ta' hames telef lira maltin (Lm5000) liema prezz gie mhallas lill-konvenut;

U peress illi l-istanti nkorra spejjes biex saru l-proceduri ta' trasferiment kif ukoll ghamel xi tiswijiet mehtiega fil-karozza;

U peress illi ftit gimghat ilu rrizulta illi l-karozza de quo hi proprjeta' ta' terza persuna li minghandu giet misruqa l-karozza;

Jghid il-konvenut ghaliex:

1. Prevja d-dikjarazzjoni ta' dina l-Qorti illi l-karozza Mercedes numru ta' registrazzjoni I-3182 ma kienetx proprjeta' ta' terza persuna fil-mument tal-bejgh u dana ghall-insaputa tal-istess attur b'dan illi l-bejgh huwa null.
2. Din il-Qorti m'ghandhiex tikkundannah jhallas lill-attur is-somma ta' hames telef lira (Lm5000) bhala restituzzjoni tal-prezz lilu mhallas ghall-karozza msemmija;

3. Din il-Qorti m'ghandhiex tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan il-bejgh; u

4. M'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti ihallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Marzu 1996, tal-ittra ufficjali tal- ta' April 1996 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tallum u bl-imghax legali millum sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Sammut li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija wahda irrita, nulla u inammissibli, stante illi tali azzjoni tispetta biss lill-

konjugi Attard u mhux lil Charles Attard wahdu kif jistipula mandatorjament il-Kodici Civili;

2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li tali kawza kellha ssir kontra l-konjugi Sammut konguntement kif tassivament jipprovdi l-Kodici Civili u ghalhekk l-istess konvenut ghandu jigi liberat bl-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, m'huwiex minnu illi l-konvenut "lanqas biss wiegeb" is-sejha tal-attur u tezisti korrispondenza bejn l-Avukati tal-partijiet dwar din il-materja fis-sens illi l-konvenut eccipjent kien xtara in buona fede din il-vettura minghand Michael Bajada u Stuart Thompson u ghamel regolarment it-'transfer' relattiv mal-Kummisarju tal-Pulizija;

4. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju hlief ghal allegazzjoni tal-istess attur, l-ebda prova ma ngiebet lil konvenut illi din il-karozza ma kienetx proprjeta' tal-awturi tal-konvenut u din ghadha il-posizzjoni sal-lum;

5. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk huwa minnu illi din il-vettura ma kienetx proprjeta' tal-imsemmija Bajada u Thompson, dawn ghandhom jigu kjamati fil-kawza ghaliex l-eccipjent ikollu jdur fuq l-istess Bajada u Thompson in via ta' rigress;

6. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, m'huwiex minnu illi l-attur sofra xi danni u kull tiswija illi huwa ghamel, ghamilha ghaliex meta kienet fil-pussess tieghu, huwa habat bl-istess vettura minhabba tortijiet li zgur m'humiex imputabbli lil eccipjent konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Anthony u Rose konjugi Sammut li biha eccepew:

Illi wara li l-konvenuti kienu gew interpellati mill-attur f'din il-kawza, minghajr ebda pregudizzju imma sabiex jipprezervaw id-drittijiet taghhom l-istess konvenuti kienu ukoll intavolaw kawza ohra kontra Michael Bajada u cioe il-persuna li minghandha kienu xtraw in buona fede il-

vettura msemmija, liema kawza iggib ic-citazzjoni numru 1122/97 RCP u tinsab differita ghas-seduta tas-7 ta’ Ottubru 1998 quddiem Din il-Qorti preseduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond Pace u ghalhekk Din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-konnessjoni tal-kawzi ai termini tal-artikolu 793 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Michael Bajada li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici inkwantu huma indirizzati kontra l-eccipjent, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-eccipjent ma kellu ebda rapport gjuridiku mal-atturi, qatt ma kien proprjetarju tal-vettura mixtrija mill-istess atturi u b’ebda mod ma ppartecipa fl-atti illi talvolta jistghu jirrizultaw bhala dannuzi ghall-istess atturi.

2. Illi f’kaz illi jirrizulta illi l-vettura in parola kienet verament misruqa, l-atturi purche xtraw l-istess vettura in *bona fede*, jistghu (jew setghu) invokaw il-protezzjoni moghtija lilhom mill-Artikoli 558 u 559 tal-Kodici Civili.

3. Illi l-eccipjent ma jirrispondix ghall-operat tal-Pulizija Ezekuttiva (jew l-awtoritajiet ohra involuti) jekk tali operat huwa lesiv tad-drittijiet tal-atturi kif dawn jirrizultaw mid-Dritt Civili.

4. Illi l-vettura in parola (anke jekk originarjament misruqa) tappartjeni llum lill-atturi illi ghalhekk ma humiex intitolati jitolbu l-annullament tal-kuntratt ta’ bejgh fuq il-bazi minnhom premessa u mitluba.

5. Finalment l-atturi ghandhom juru illi l-att dannuz (is-sekwestru tal-vettura ghall-fini tal-proceduri ta’ investigazzjoni kriminali) huwa definittiv u li huma ma jibqghux intitolati ghar-restituzzjoni tal-vettura fil-konkluzjoni ta’ tali investigazzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deutati Dr.Joseph Bonello u l-PL.Paul Saliba li biha eccepew illi

huma m' humiex edotti mill-fatti tal-kawza, u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet infra bin-numru 1122/97 fejn il-Qorti, fuq talba taz-zewg partijiet ordnat li dawn iz-zewg kawzi jinstemghu kontestwalment;
Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Gunju 2003 li bih gie konfermat li din il-kawza nstemghet kontestwalment mal-kawza numru 1122/97 fl-ismijiet "Anthony Sammut et vs Michael Bajada".

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-kawza in disamina tikkoncerna vettura ta' ghamla Mercedes Mudell 240D bin-numru ta' registrazzjoni I-3182 li kienet giet importata Malta fil-31 ta' Ottubru 1994 mill-konvenut Stuart Thompson[1]. Mill-provi rrizulta wkoll li din il-vettura, li skond il-log book[2] taghha sidha kien l-imsemmi konvenut, kienet qeda tinzamm fil-garage tal-kjamata in kawza Michael Bajada fejn Thompson kien impjegat.

Sussegwentement fid-29 ta' Dicembru 1994 il-vettura giet mibjugha lill-konvenut Anthony Sammut u r-registrazzjoni taghha gie trasferit minn fuq Thompson ghal fuq l-istess Sammut. In segwitu, fl-4 ta' April 1995 il-konvenut Anthony Sammut bigh il-karrozza lill-Carmel Attard, l-attur, versu l-prezz ta' Lm5,000 u l-log book rega' gie aggustat fis-sens li din giet registrata minn fuq Anthony Sammut ghall fuq Carmel Attard.

[1] Dep. Brian Farrugia – fol.192
[2] Dok.X – fol.5

Illi jidher li sussegwentement Stuart Thompson kellu xi disgwid ma’ l-imghallem tieghu Michael Bajada, u Emanuel sive Lolly Bajada, parentat mal-istess Michael Bajada, kiteb lill-Kontrollur tad-Dwara ittra datata 11 ta’ Dicembru 1995 fis-sens li l-vettura de quo kellha c-chassis number mibdul u li kienet misruqa fl-Ingilterra.

Minn naha tieghu, permezz ta’ ittra[3] datata 16 ta’ Jannar 1996 l-Kontrollur tad-Dwara nforma lill-Kummissarju tal-Pulizija b’ dan ir-rapport, u id-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali bdew l-investigazzjonijiet kondotti mis-Supretendent Pierre Calleja, dwar din il-vettura. Konsegwenzjali ghal dan ir-rapport il-pulizija ssekwestrat il-vettura mill-pussess ta’ l-attur fid-9 ta’ Frar 1996[4] u giet ukoll inizjata inkjesta magisterjali.

Illi sussegwentement fil-25 ta’ April 1996, l-attur ipprezenta c-citazzjoni odjerna.

Illi fid-depozizzjoni[5] tieghu ta’ 1 ta’ Marzu 2001 is-Supretendent Pierre Calleja spjega li, ghalkemm “prima facie il-V.I.N [vehicle identification number] kien [jidher] imbaghabas”, mill-investigazzjonijiet kollha li saru ma rrizultax li l-vettura de quo kienet misruqa. Irrizulta biss li, minn informazzjoni akkwistata mill-kumpanija li timmanifattura dawn it-tip ta’ vettura, li dina kellha l-VIN u d-data tal-manifattura differenti mit-tip taghha.

Illi fl-10 ta’ Mejju 1999 l-inkjesta magisterjali giet konkjuza u l-Magistrat Inkwirenti dderiga lill-investigaturi sabiex il-karrozza tigi ritornata lil sidha u ma tibqax mizmuma mill-pulizija.[6] Illi, in vista ta’ din l-ordni, il-pulizija ssuggeriet lid-Direttur tal-licenzji illi “prior vehicle be released from police custody a new police chassis number be punched.” Konformament ma’ l-ordni tal-Magistrat Inkwirenti, il-pulizija informat lill-attur li dana kien awtorizzat jirriprendi l-vettura lura, izda dana b’ ittra datata 10 ta’ Novembru

[3] Dok.PC2 – fol.137
[4] Fol.82
[5] Fol.115 *et seq.*
[6] Dep. Supt.Alexandra Mamo – fol.106

1999 informahom li "since I commenced civil action against the transferor of this vehicle, immediately after this vehicle was impounded by the police which civil suit is still pending, I am afraid I cannot comply with your request."[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-bejgh tal-vettura bejn l-attur u l-konvenut Anthony Sammut huwa null peress li fil-mument tal-beigh il-vettura ma kienitx proprjeta' ta' Sammut izda ta' terzi persuni; ir-restituzzjoni tal-prezz ta' Lm5,000 u l-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Illi l-kawzali li fuqha l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu giet imfissra fl-att tac-citazzjoni fit-termini segwenti: " u peress illi ftit gimghat ilu rrizulta li l-karrozza de quo hi proprjeta' ta' terza persuna li minghandu giet misruqa l-karrozza;" Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu , l-attur, wara esposizzjoni tal-konsiderazzjonijiet tieghu, jghid "li kien hemm l-elementi kollha mehtiega biex l-attur jintavola kawza that l-Art.1372."[8]

Illi l-artikolu 1372 testwalment jghid hekk: "Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 559 u tad-disposizzjonijiet dwar Il-Monti kwantu ghar-rahan, <u>il-beigh ta' haga ta' haddiehor</u> hu null: Izda dan il-beigh jista' jaghti lol ghall-hlas tad-danni jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-haga kienet ta' haddiehor:…"[9]

Illi ghalhekk sabiex tigi attivata l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu u jigi annullat il-bejgh tal-vettura, l-attur ghandhu l-oneru li jipprova li fil-mument tal-bejgh il-vettura ma kienitx proprjeta' tal-venditur Anthony Sammut. Di fatti l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-kawzali li l-vettura de quo kienet ta' proprjeta' ta' terzi u kienet misruqa. Huwa kien qed jagixxi fuq dak li qalulu l-pulizija meta dawn issegwestrawlu l-vettura fid-29 ta' April 1996.

---

[7] Dep. Supt.Pierre Calleja - fol.117
[8] Tal-Kap.16 - fol.204
[9] Sottolinear tal-Qorti

Illi pero’ fil-mori tal-kawza, wara l-eghluq kemm tal-process verbal tal-magistrat inkwirenti fl-10 ta’ Jannar 1999, kif ukoll tal-investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta li, ghalkemm il-vettura kellha l-VIN imbaghbas u d-data tal-manifattura indikata hazina, il-vettura ma kienitx misruqa. Il-Qorti tosserva wkoll li minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-vettura kienet tappartjeni lil terza persuna meta nbieghet minn Stuart Thompson lill-konvenut Anthony Sammut li minn naha tieghu biegha lill-attur. Fil-mument tal-bejgh u tat-transfer fid-29 ta’ Dicembru 1994 rrizulta li l-vettura kienet fil-pussess ta’ Stuart Thompson u kienet registrata fuq ismu. Ma rrizultax li kienet misruqa jew li kienet tappartjeni lil haddiehor. Ghalhekk meta sussegwentement sar il-bejgh minn Anthony Sammut lill-attur, il-vettura ma rrizultatx li kienet tarraprtjeni lil terzi, imma lill-venditur Sammut.

Jigi osservat ukoll li l-fatt ut sic li l-vettura kellha certu dettalji li rrizultaw li ma kienux jaqblux ma’ l-informazzjoni moghtija lill-pulizija mill-kumpanija manufattrici, ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni li l-vettura ma kienitx tappartjeni lil Stuart Thompson, imma lil haddiehor; tant li l-Magistrat Inkwirenti ordna li l-vettura tigi ritornata lil “sidha” – l-attur.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma rnexxilux jipprova li fil-mument tal-bejgh li sehh bejnu u bejn il-konvenut Anthony Sammut il-vettura kienet misruqa, jew li kienet tappartjeni lil haddiehor. Ghaldaqstant l-ewwel talba attrici in kwantu bazata fuq id-dispost ta’ l-artikolu precitat u in kwantu hija bazati fuq il-kawzali li l-vettura “ .. hi proprjeta’ ta’ terza persuna li minghandu giet misruqa..” mhijiex sostnuta mill-provi u ma tistax tigu milqugha. B’ hekk anki t-talbiet sussegwenti konsegwenzjali ghall-ewwel talba ma jimmeritawx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, filwaqt li tilqa’ r-raba eccezzjoni tal-konvenut Anthony Sammut u tal-kjamat fil-kawza Michael Bajada, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez a kariku ta’ l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------